



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

9.5.2011

0023/2011

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-isforzi erojċi tal-ħaddiema u l-pompiera fl-impjant nukleari ta' Fukushima Daiichi

Niki Tzavela, Jorgo Chatzimarkakis, Edit Herczog, Georgios Koumoutsakos, Fiorello Provera

Data ta' skadenza: 15.9.2011

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-isforzi erojċi tal-ħaddiema u l-pompiera fl-impjant nukleari ta' Fukushima Daiichi

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi seħħ inċident nukleari kbir fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Fukushima Daiichi, wara t-terremot devastanti u t-tsunami li segwa fil-11 ta' Marzu 2011,
 - B. billi numru żgħir ta' ħaddiema u pompiera Ġappuniżi fl-impjant nukleari ta' Fukushima Daiichi qed jikkumbattu biex jipprevienu tisħin żejjed fl-impjant li jwassal għal tidwib nukleari,
 - C. billi dawn l-individwi qed jirriskjaw ħajjithom biex jippruvaw jipprevienu katastrofi, fuq skala nazzjonali, li taffettwa s-saħħha pubblika u l-ambjent,
 - D. billi l-ħaddiema u l-pompiera Ġappuniżi qed jiġu esposti għal livelli għoljin ta' radjazzjoni, u filwaqt li jpoġġu l-interessi ta' ħaddieħor qabel tagħhom stess, qed jissagħrif kaw ħajjithom biex jipproteġu lil ċittadini oħra bħalhom,
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex juru s-solidarjetà tal-UE, u biex jiżguraw li ċittadini Ġappuniżi li sfaw vittmi tal-espożizzjoni radjuattiva jirċievu l-kura medika adegwata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jagħtu ġieħ lill-ħaddiema u lill-pompiera kuraġġużi, meta jitqies li dawn qed jikkumbattu mentalment u fiżikament, billejl u binhar, għall-ġid tan-nazzjon tagħhom, billi juru l-gratitudni tagħhom lejhom u lejn il-familji tagħhom;
 3. Jitlob lill-President tiegħu biex iressaq din id-dikjarazzjoni flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Ġnus Magħquda, lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, lill-Gvern Ġappuniż, u lill-familji tal-ħaddiema u tal-pompiera Ġappuniżi.